

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Dr. Willmar Schwabe GmbH & Co.KG

Konvenuta: Queisser Pharma GmbH & Co. KG

Dispożittiv

- 1) L-Artikolu 10(3) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 107/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008, għandu jiġi interpretat fis-sens li r-rekwiżit li dan jipprevedi, li abbażi tiegħu kull riferiment għall-effetti ta' benefiċċju ġenerali, mhux speċifiċi, ta' nutrijent jew ta' prodott tal-ikel għandu jkun akkumpanjat b'indikazzjoni speċifika dwar is-saħħa inkluża fil-listi previsti fl-Artikoli 13 jew 14 ta' dan ir-regolament, ma huwiex issodisfatt fil-każ fejn l-imballaġġ ta' suppliment tal-ikel ikun fih, fuq in-naħa ta' quddiem tiegħu, riferiment għall-effetti ta' benefiċċju ġenerali, mhux speċifiċi, ta' nutrijent jew ta' prodott tal-ikel għas-saħħa, filwaqt li l-indikazzjoni speċifika dwar is-saħħa intiża li takkumpanjah tidher biss fuq in-naħa ta' wara ta' dan l-imballaġġ u ma hemm ebda riferiment espliċitu, bħal asterisk, bejn it-tnejn.
- 2) L-Artikolu 10(3) tar-Regolament Nru 1924/2006, kif emendat bir-Regolament Nru 107/2008, għandu jiġi interpretat fis-sens li r-riferimenti għall-effetti ta' benefiċċju ġenerali, mhux speċifiċi, ta' nutrijent jew ta' prodott tal-ikel għall-istat ġenerali tas-saħħa u għall-benesseri relatat mas-saħħa għandhom ikunu ġġustifikati minn provi xjentifiċi, fis-sens tal-Artikolu 5(1)(a) u tal-Artikolu 6(1) ta' dan ir-regolament. Għal dan il-għan, huwa biżżejjed li dawn ir-riferimenti jkunu akkumpanjati b'indikazzjonijiet speċifiċi dwar is-saħħa inklużi fil-listi previsti fl-Artikolu 13 jew fl-Artikolu 14 tal-imsemmi regolament.

(¹) ĠU C 392, 29.10.2018.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tat-30 ta' Jannar 2020 – České dráhy a.s. vs
Il-Kummissjoni Ewropea**

(Kawżi magħquda C-538/19 P u C-539/18 P) (¹)

**(Appell – Kompetizzjoni – Regolament (KE) Nru 1/2003 – Artikolu 20(4) – Deċiżjonijiet ta' spezzjoni –
Obbligu ta' motivazzjoni – Indizji suffiċjentement serji tal-eżistenza ta' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni –
Provi miġbura legalment – Spezzjoni ordnata abbażi ta' elementi riżultanti minn spezzjoni preċedenti)**

(2020/C 137/20)

Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek

Partijiet

Appellanti: České dráhy a.s. (rappreżentanti: K. Muzikář, advokát, J. Kindl, advokáti)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Rossi, G. Meessen, P. Němečková u M. Šimerdová, aġenti)

Dispożittiv

- 1) L-appelli huma miċħuda.
- 2) České dráhy a.s. hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 392, 29.10.2018

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-5 ta' Marzu 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Okresní soud v Ostravě – ir-Repubblika Ċeka) – OPR-Finance s.r.o. vs GK

(Kawża C-679/18) (¹)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni tal-konsumaturi – Direttiva 2008/48/KE – Kuntratti ta' kreditu għall-konsumatur – Artikolu 8 – Obbligu tal-kreditur li jivverifika l-affidabbiltà kreditizja tal-konsumatur – Leġiżlazzjoni nazzjonali – Possibbiltà li tiġi invokata l-preskrizzjoni kontra l-eċċezzjoni ta' nullità tal-kuntratt imqajma mill-konsumatur – Artikolu 23 – Sanzjonijiet – Natura effettiva, proporzjonata u dissważiva – Qorti nazzjonali – Eżami ex officio tal-osservanza tal-imsemmi obbligu)

(2020/C 137/21)

Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek

Qorti tar-rinviju

Okresní soud v Ostravě

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: OPR-Finance s.r.o.

Konvenuta: GK

Dispożittiv

L-Artikoli 8 u 23 tad-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE għandhom jiġu interpretati fis-sens li huma jeżiġu li qorti nazzjonali teżamina *ex officio* l-eżistenza ta' ksur tal-obbligu prekontrattwali tal-kreditur li jevalwa l-affidabbiltà kreditizja tal-konsumatur, previst fl-Artikolu 8 ta' din id-direttiva, u li tiddeđu l-konsegwenzi kollha li jirriżultaw, skont id-dritt nazzjonali, minn ksur ta' dan l-obbligu, bil-kundizzjoni li s-sanzjonijiet jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-imsemmi Artikolu 23. L-Artikoli 8 u 23 tad-Direttiva 2008/48 għandhom ukoll jiġu interpretati fis-sens li huma jipprekludu sistema nazzjonali bis-saħħa ta' liema l-ksur mill-kreditur tal-obbligu prekontrattwali tiegħu li jevalwa l-affidabbiltà kreditizja tal-konsumatur huwa ssanzjonat bin-nullità tal-kuntratt ta' kreditu, flimkien mal-obbligu għal dan il-konsumatur li jirrimborsa lill-kreditur is-somma prinċipali f'perijodu proporzjonat mal-kapaċità finanzjarja tiegħu, biss bil-kundizzjoni li l-imsemmi konsumatur jinvoka din in-nullità, u dan f'terminu ta' preskrizzjoni ta' tliet snin.

(¹) ĠU C 25, 21.1.2019.